# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 28 ta' April, 2025.

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 99/2024 ISB**

**Falliment ta' Roberto Spiteri (ID:336778M)**

**Il-Qorti,**

Rat **id-dikjarazzjoni ġuramentata** tar-rikorrent **Roberto Spiteri**, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 336778(M) tad-29 ta' Ottubru 2024, li saret ai termini tal-**Artikolu 478 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta** u li tgħid is-segwenti:-

> *Illi l-esponent huwa Direttur tas-soċjeta' Lemons Limited* ***(C 32145)*** *kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok.AB1.***
>
> *Illi apparti dan l-esponent kien fil-kummerċ b'mod personali.*
>
> *Illi l-esponent m'għandux kotba tal-kummerċ x'jesebixxi u dan peress li ilu ma jagħmel transazzjonijiet kummerċjali għal iktar*

> *minn ħames snin u dan ai termini tal-Artikolu 26 tal-kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Illi kemm is-soċjeta' hawn fuq imsemmija li tagħha huwa azzjonista kif ukoll hu personalment jinsabu finanzjarjament indiġenti u rrekaw ammont sostanzjali ta' dejn.*
>
> *Illi kemm hu u kemm l-kumpannija ilhom ma joperaw għal snin twal.*
>
> *Illi li l-unika assi li għandu huma sehem nofs indiviż tad-dar residenzjali tiegħu.*

Rat **id-digriet** tagħha tat-8 ta' Novembru 2024 u li permezz tiegħu talbet lir-rikorrent jottempra ruħu ma' dak rikjest mill-Artikolu 479(1) u (2) tal-Kap 13.

Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti ntavolata fid-19 ta' Novembru 2024 (fol 4).

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Novembru 2024, fejn wara li l-Qorti qieset dak li jgħid l-Art 481 tal-Kap 13, ordnat lir-Reġistratur sabiex minnufih b'ittra jsejjaħ lill-kredituri li isimhom kien indikat mid-dikjarant sabiex jidhru fl-udjenza li l-Qorti appuntat għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2025 sabiex hemm jgħidu għaliex id-debitu tagħha m'għandux jiġi ddikjarat fi stat ta' falliment u sabiex jiġu maħtura kuraturi. Ir-Reġistratur kien ordnat ukoll sabiex minnufih jieħu ħsieb jagħmel sunt tad-dikjarazzjoni u jxandarha b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u f'żewġ ġurnali li joħorġu kuljum wieħed fl-ilsien Malti u l-ieħor fl-ilsien Ingliż.

Rat in-nota tad-dikjarant tal-10 ta' Jannar 2025 (fol 29) li permezz tagħha ppreżenta it-tagħrif li seta' jipprovdi a tenur tal-Artikolu 480 tal-Kap 13 (fol 30 sa fol 54).

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Jannar 2025, fejn il-kredituri preżenti jew ir-rappreżentanti tagħhom ippreżentaw rendikont ta' dak li għandhom jiġbru mingħand id-dikjarant.

Semgħet ix-xhiedha ta' Joanna Bartolo in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta Plc** u rat id-dokumenti minnha esebiti u dawk esebiti mill-**Kummissarju tat-Taxxi**.

Rat illi ai fini ta' dak li jrid mill-kredituri l-Artikolu 481 tal-KAP 13, saret id-dikjarazzjoni taż-żewg kredituri fis-sens illi huma kienu qed jirrimettu

ruħhom għad-deċizjoni tal-Qorti dwar jekk Roberto Spiteri għandux jiġi dikjarat fi stat ta' falliment u jekk għandhom jinħatru kuraturi.

Rat ukoll li fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2025, il-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza ta' llum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

Illi l-Art 477 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid testwalment hekk:

> *Kull kummerċjant li jieqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu hu fi stat ta' falliment.*

Illi permezz tad-dikjarazzjoni inizjali tiegħu tad-29 ta\` Ottubru 2024, id-dikjarant Roberto Spiteri stqarr illi fid-data tal-preżentata tad-dikjarazzjoni ta\` falliment, huwa kien ilu ma jagħmel transazzjonijiet kummerċjali għal aktar minn ħames (5) snin u kemm hu u kemm il-kumpanija li tagħha kien direttur, Lemons Limited, kien ilhom ma joperaw għal żmien twil.

Illi biex persuna tkun tikkwalifika biex tagħmel id-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 477 tal-Kap 13, trid tkun kummerċjant. Minn eżami tad-dokumenti esebiti, jirriżulta illi d-dikjarant kien importatur ta' affarijiet tal-merċa u direttur ta' Kumpanija.

Illi l-punt meta kummerċjant jieqaf mill-ħlas tad-djun u għalhekk ikun fi stat ta\` falliment huwa punt ta\` fatt.

Illi wara li qieset l-atti, inklużi d-dokumenti li jevidenzjaw il-qagħda finanzjarja tad-dikjarant, jirriżulta li Roberto Spiteri ċertament waqaf iħallas lill-kredituri tiegħu kollha u jidher li mhuwiex f\`qagħda li jħallas id-djun tiegħu.

Peress illi mill-atti mhux possibbli illi jiġi stabbilit b'ċertezza meta d-dikjarant waqaf jagħmel pagamenti, il-Qorti ser tirreferi għall-proċeduri ta' falliment **2001/1999AL fl-isem Charles Friggieri** deċiża fit-3 ta' Ġunju 2008, fejn ingħad hekk:

> *….. fin-nuqqas ta' kotba li kien tenut iżomm l-imsemmi Charles Friggieri, mhux possibbli sabiex jigi verifikat a bazi tal-ahjar prova id-data meta effettivament avverat ruha ic-cessazzjoni tal-pagamenti. Normalment il-prassi f'dawn iċ-ċirkostanzi tkun li tigi ffissata d-data ta' meta ssir in-nota fallimentari*.

Il-Qorti tqis ukoll illi biex tingħata dikjarazzjoni ta` falliment huwa biżżejjed illi kummerċjant ikun waqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu u ċioe' mhux meħtieġ illi jintwera wkoll illi ma għandux mnejn iħallas (ara s-sentenza tal-25 ta` April 1961 fil-proċeduri tal-falliment ta` **Henry Shirley Furniss-Roe)**.

F`din is-sentenza, il-Qorti tal-Kummerċ irriteniet illi:

> *"…l-istat ta` cessazzjoni tal-pagamenti ta` kummercjant jikkonsisti fin-nuqqas tieghu li jissoddisfa puntwalment l obbligi li jkun assuma, liema stat jimmanifesta ruhu bir rifjut tal-pagament. Ghalhekk huwa l-istat tal-insolvenza li jikkostitwixxi l-falliment u mhux l-istat ta` insolvibbilita`.*
>
> *Ghalhekk ma jghodd xejn l-izbilanc tal-azjenda, u lanqas u lanqas il-kondizzjoni ekonomika tal-kummercjant li jiddisipa gidu ghaliex ghalkemm il-passiv jissupera l attiv, ghalkemm kbir ikun id-dissest, ghalkemm temerarji jkunu l-imprizi, sakemm il-kummercjant ihallas id-debiti tieghu u jonora l-impenji propriji, basta ma jirrikorrix ghal mezzi rovinozament u frawdolentement prokurati, ma jistghax jigi dikjarat fallit ; kif minn naha l-ohra ma tibbastax, biex issalvah mill-falliment, il-prova li l-attiv jissupera l-passiv, jekk ikun naqas li jaghmel il-pagament. "Vi ha cessazione dei pagamenti" ighid Dr. Debono taghna "allorquando un commerciante non trova piu` credito per reggersi e provvedere al bisogno del proprio commercio, sicche`, non potendo piu` ne` pagare effettivament, ne` appigliarsi a spediente per mezzo di oneste e momentanee operazioni di credito deve arrestare i propri affari."*

Fil-każ tal-lum irrizulta li ċ-ċessazzjoni tal-pagamenti da parti ta` Roberto Spiteri lill-kredituri seħħet minn żmien twil ilu, tant illi per eżempju mid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Kummissarju għat-Taxxi ma jirriżultax illi huwa qatt għamel pagament. Di piu', bid-dikjarazzjoni tar-rikorrent illi huwa għandu, bħala assi, biss sehem indiviż mid-dar residenzjali tiegħu, appartament f'San Pawl il-Baħar, il-Qorti ma tqisx illi huwa possibbli illi huwa jħallas id-djun hekk akkumulati.

Il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-19 ta` Frar 1957 fil-kawża fl-ismijiet **Zahra pro et noe vs Grech** fejn ingħad hekk:

> *… skond is-sistema tal-ligi taghna l-istat tal falliment jistabbilixxi ruhu nvarjabilment u ndivizibilment quddiem l-interessati kollha, u bil-pjenezza tal-effetti u tal konsegwenzi tieghu biss bis-sentenza ta` din il-Qorti li tiddikjarah fuq l-istanza tal-fallit jew tal-kredituri … b`din is sentenza jigi nominat il-kuratur biex jezercita l-funzjonijiet li l-ligi tattribwilu matul ir-regim tal-falliment.*

Il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu r-rekwiżiti kollha ta` fatt u ta` dritt sabiex Roberto Spiteri jiġi ddikjarat fi stat ta` falliment b`effett mid-29 ta' Ottubru 2024, il-ġurnata illi fiha ġiet ppreżentata d-dikjarazzjoni fir-Reġistru tal-Qorti anke jekk jidher illi kienet maħlufa xi ġranet qabel.

**GĦALDAQSTANT**, wara illi l-Qorti fliet l-atti u għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha, u għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qegħda taqta` u tiddeċiedi hekk:

1. **Tiddikjara** li Roberto Spiteri, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 336778(M) waqaf mill-ħlasijiet tiegħu fid-29 ta' Ottubru 2024 u huwa fi stat ta` falliment.

2. **Taħtar** lill-Avukat **Dottor Jean-Pie Gauci Maistre** bħala kuratur/*trustee* tal-falliment bis-setgħat u d-dmirijiet skond it-Taqsima II tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta` Malta u tordna lid-Deputat Reġistratur sabiex tinnotifika dan l-istess provvediment lill-Avukat Dr Jean-Pie Gauci Maistre.

3. **Tiddifferixxi** l-kawża għall-udjenza ta` nhar l-Erbgħa 4 ta' Ġunju, 2025 fid-09.30am għall-ezami tal-inventarju li l-kuratur/*trustee* għandu jħejji skont l-Art 502 et seq tal-Kap 13, għall-eżami tal-lista tal-kredituri skont l-Art 510(1) tal-Kap 13, sabiex tissejjaħ laqgħa tal-kredituri skont l-Art 510(2) u (3) tal-Kap 13 u għal kwalsiasi informazzjoni oħra.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**